# RULING MOGĦTI MINN MR SPEAKER FIS-SEDUTA NRU 523 TAD-9 TA' MEJJU 2007

B'risposta għat-talba li l-Onor. Joe Mizzi għamel lis-Sedja matul il-ħin tal-mistoqsijiet fis-Seduta 521 tas-7 ta' Mejju 2007 sabiex jingħata ruling dwar l-ammessibilita' o meno tat-tweġiba mogħtija mill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq għall-mistoqsija parlamentari numru 25737:

Is-Sedja ma tistax ma tosservax li l-punt inkwestjoni tqajjem waqt li l-Onor. Membru kien qiegħed jagħmel domanda supplimentari għall-mistoqsija parlamentari oħra li, apparti li ma kellha x'taqsam xejn mad-domanda oriġinali, ċioe' PQ 25536, kienet fil-fatt qiegħda tirreferi għall-mistoqsija parlamentari 25737 li kienet tinsab iżjed lura fil-lista tal-mistoqsijiet parlamentari ta' l-istess Seduta u allura ma kellux ikun il-każ li proprju f'dak l-istadju l-Onor. Membru jantiċipa u jagħmel domanda supplimentari fuq il-kontenut tat-tweġiba parlamentari li sa dak il-ħin kienet għada ma waslitx quddiem il-Kamra.

Is-Sedja lanqas ma tista' tifhem kif l-Onor. Mizzi filli talab għal ruling u filli talab għal ksur ta' privileġġ u talab ukoll lis-Sedja biex tinnejmja lill-Ministru konċernat meta l-kriterji ta' ksur ta' privileġġ u l-kriterji ta' naming huma ben stabbiliti fl-istanding orders u fl-Ordinanza dwar is-Setgħat u l-Privileġġi tal-Kamra tad-Deputati, Kap 113 u dawn il-kriterji żgur li ma japplikawx fil-każ li għandna quddiemna.

Is-Sedja trid ukoll u mingħajr l-iċken ekwivoku tesprimi l-konvinzjoni tagħha li l-proċedura użata minn naħa ta' l-uffiċċju ta' l-Iskrivan tal-Kamra meta ġiet vetted id-domanda għall-clearance sabiex tintbagħat il-Ministeru għall-Iżvilupp Urban u Toroq, hija l-istess proċedura li dejjem intużat matul is-snin.

Hawn bilfors is-Sedja jkollha tirrepeti dak li diġa' ġie stabbilit permezz ta' rulings preċedenti, fosthom dawk mogħtija fis-Seduta 219 tal-15 ta' Marzu 1989, fis-Seduta 580 ta' l-20 ta' Novembru 1991, fis-Seduta 226 tas-7 ta' Frar 1994 u fis-Seduta 306 tad-19 ta' Ottubru 2005 u ċioe' li hi ma tistax tidħol fil-mertu tat-tweġibiet mogħtija.

Is-Sedja hawn tieħu l-okkażjoni biex tfakkar lill-Kamra li snin ilu ħadet l-inizjattiva tikkummissjona rapport għar-reviżjoni ta' l-Ordnijet Permanenti tal-Kamra, liema rapport tqassam liż-żewġ naħat tal-Kamra u tħeġġeġ li dak ir-rapport ikun mifli sew biex iservi għall-aġġornament mixtieq.

Sadanittant, is-Sedja tibqa' tirrakkomanda sabiex fejn hu possibbli jingħataw it-tweġibiet opportuni għall-mistoqsijiet li jkunu jolqtu ħwejjeġ pubbliċi, b'hekk il-ħin tal-mistoqsijiet ikun jista' jilħaq l-iskop li għalih huwa maħsub fis-sistema parlamentari tagħna.

Nonostante dan kollu li ngħad hawn fuq, xejn ma jżomm lill-Onor. Membru milli jieħu dawk il-passi li jidhirlu xierqa u li jippermettulu l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra.